MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2005

Numru 6/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**VS**

**WALTER CARUANA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Walter Caruana ta' 54 sena, imwieled tal-Pieta' nhar il-25 ta' Awissu, 1950, bin Teresa nee' Caruana, residenti fil-fond numru 197, Lucky, Triq FS Caruana, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 766250 (M) ;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Novembru, 2000, u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksu l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni

wahda, bhala detentur tal-fond Lucky, 197 sitwat fi Triq FS Caruana, Birkirkara jew bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix Lm1,000.00 (elf lira Maltin) rispettivament tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess lok, zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku;

U fl-ahhar talli ghamel hsara jew gharraq xi apparat jew parti mill-meter tal-elettriku jew sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew sigillil taghhom u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 326 (1) c & f tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentant tal-Enemalta;

Rat il-verbal tal-lum.

Tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------